TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 163/17-F

**Kevin u Fiona Gauci**

**vs**

**Fair Deal Furniture Ltd.**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u għoxrin ewro (€520), rappreżentanti danni u spejjeż t'offerti mir-rikorrenti riżultat t'apparat ta' water softener li kien qed jikkontamina l-ilma.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw kamra tas-sodda tat-tfal u meta ġiet installata kien hemm diversi nuqqasijiet.

L-intimat issottometta illi kien lest li jagħmel tajjeb għal dawk in-nuqqasijiet, illi jagħtihom il-parts u jista' jirranġahom ukoll il-mastrudaxxa tagħhom.

It-Tribunal, għalhekk ordna lir-rikorrenti jġibu stima tal-ħsarat u tad-danni, u fil-fatt ippreżentaw kont ta' mija, u ħamsa u erbgħin ewro (€145) ta' dan ix-xogħol.

Illi t-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata aċċettat dawn in-nuqqasijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija, u ħamsa u erbgħin ewro (€145), u kif ukoll ħamsin ewro (€50) bħala danni morali a favur ir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**